**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa B'Urgenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 65

Il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' wara nofs in nhar.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

| 65.1 | Il-Binja tal-Kunsill Lokali |
|---|---|
| 65.1.2 | Is-Sindku beda billi ddiskuta ċ-ċirkostanza preżenti tal-binja tal-Kunsill Lokali, ibbażata fuq ir-rapporti tal-Perit flimkien mal-intervent manwali li sar mill-bennej.<br><br>Is-Sur Horace Gauci fakkar lill-Kunsilliera li s-sid tal-binja trid tgħolli l-kera preżenti b'elf u mitejn ewro aktar fis-sena ma' dak li diġà jħallas il-Kunsill, u kompla jispjega lill-Kunsill bl-ispejjeż preżenti straordinarji li hemm fl-istess binja, fosthom il-gallarjia li hi responsabbli minnha l-istess sid.<br><br>Wara diskussjoni libera l-Kunsilliera unimament qablu li s-sid għandha tiġi infurmata li l-kera l-ġdida mhix aċċettabli li togħla fil-prezz u li l-gallarija taqgħa taħt ir-responsabiltà tagħha. Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-ispejjez interni tal-binja għandhom jitranġaw temporanjament mill-Kunsill għar-raġuni li l-Kunsill ma għandux alternattiva oħra minn fejn jopera.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew proposti ġodda sabiex il-Kunsill Lokali jinvesti f'binja ġdida, fosthom art tal-Gvern li tagħmel parti mill-iSkola Primarja ta' Marsaxlokk. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jiġi mqabbad perit sabiex jagħti parir f'dan ir-rigward u jekk fil-pożittiv issir pjanta, u għaldaqstant il-Kunsill ikun jista' jmexxi l-proposta tiegħu għand l-awtoritajiet konċernati. |
| 65.1.3 | Il-laqgħa intemmet fis-5:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 15 ta' Jannar 2019.

IFFIRMATA
__________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA
__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv